MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1040/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**Hubert Agius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat il-25 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu l-bank rikorrenti fuq indikat ippremetta s-segwenti:

1. Illi kkonceda facilita` bankarja lill-intimat Agius fuq indikat fis-somma ta' erbgha u tletin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€34,528.73);

2. Illi ghalkemm interpellat legalment diversi drabi biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, l-intimat baqa' inadempjenti;

3. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti kien kostrett jintavola din il-procedura biex jirriprendi l-pussess tal-imsemmi ammont, tal-imghaxijiet involuti, u tal-ispejjez relattivi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li l-intimat Agius, ghalkemm debitament notifikat naqas li jintavola r-risposta tieghu ghat-talbiet tal-bank rikorrenti skont il-ligi, u allura waqa' fi stat ta' kontumacia;

Rat in-nota tal-intimat Agius datata t-18 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici kollha;

Illi ghaldaqstant, in vista ta' tali ammissjoni tal-intimat Agius, takkolji t-talbiet tal-bank rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Hubert Agius hu debitur tal-bank rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. ghall-ammont ta' erbgha u tletin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€34,528.73);

2. Tikkundanna lill-istess intimat Agius fuq indikat biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-bank rikorrenti;

3. Tikkundanna wkoll lill-intimat de quo biex ihallas ukoll lill-bank fuq indikat, l-ispejjez u l-imghaxijiet kollha dovuti skont il-ligi.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------